MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 38/2010

**Paul Portelli**

**Vs**

**Joseph Portelli f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu imsiefra Benardette Logan, Carmen Vella, l-Avukat Alfred Grech bhala mandatarju tal-imsiefer William Portelli u b'nota tas-17 ta' Mejju 2010 William Portelli assuma l-atti fil-kawza f'ismu proprju stante li jinsab prezenti f'dawn il-gzejjer u b'digriet tat-3 ta' Settembru 2010 Dr Jean Paul Grech gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta lill-imsiefer William Portelli**.

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-qorti taqsam *pendente lite* sitt porzjonijiet raba' bejn il-kontendenti, sabiex b'hekk jigi regolat kif ghandhom jitgawdew sakemm tinqata' l-kawza ta' qasma tal-wirt tal-genituri taghhom li qeghda pendenti quddiem din il-qorti.

William Portelli wiegeb li m'huwiex jopponi t-talba tal-attur (fol. 16). Pero jsostni li wahda mill-porzjonijiet raba, tal-Kamra ta' Majsa, hi mqabbla lilu bi qbiela ta' lira Maltija (Lm1) kull sena. F'dan il-kuntest ipprezenta kopja ta' skrittura datata 15 ta' Awwissu 1979 (fol. 18), u fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 id-difensur tal-attur iddikjara li l-firma Salvatore Portelli m'hijiex ta' missier il-kontendenti.

Il-konvenuti Joseph Portelli, Bernardette Logan u Carmen Vella wiegbu li:-

1. Il-kawza hi frivola u vessatorja u ntiza biex izzid spejjez inutli ghall-konvenuti.
2. L-art tal-Hanaq tal-kejl ta' 1686 metri kwadri m'hijiex kollha komuni u hi provenjenti mill-wirt tal-missier Salvatore Portelli. Fil-fatt ipprezentaw pjanta sabiex jindikaw liema hi l-art komuni bejniethom. Joseph Portelli ddikjara li din il-porzjon raba' tinsab f'idejh.
3. L-art l-ohra tal-Hanaq bl-istess kejl, fiha s-sigar tal-laring u m'hi f'idejn hadd ghalkemm l-ahwa kollha jidhlu u jaqtghu l-laring meta jkun hemm.
4. L-art ta' Sola ta' 749 metri kwadri, qeghda tinhadem minn Joseph Portelli. Hi zghira u ma tistax tinqasam.
5. L-art ta' Xhajma ta' 233 metri kwadri, qeghda f'idejn Pietru Camilleri u jahdimha.
6. Zewg porzjonijiet raba' tal-Gewza sive ta' Xemmex, wahda b'kejl ta' 390 metri kwadri u l-ohra 418 metri kwadri, kienu nghatat minn missierhom lill-konvenuta Carmen Vella, bhala dota fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha fl-1979 u dejjem kellha l-pussess animo domini. Hadd mill-ahwa qatt ma ppretenda xi jedd fuq dawn l-artijiet.
7. Il-porzjonijiet raba' huma zghar wisq u l-ebda wahda ma tista' tinqasam bejn l-ahwa.
8. L-attur ghandu kwazi r-raba' kollha li hemm ghall-qasma bejn il-kontendenti. Wara l-mewt tal-omm saru jafu li ommhom kienet bieghet sehemha mill-proprjeta komuni li kellha ma' zewgha, lill-attur.

Peter Paul Portelli ghalkemm notifikat ma wegibx. Madankollu fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 id-difensur

tieghu ddikjarat li m'huwie joggezzjona ghat-talba u li kien ghalhekk li ma pprezentax twegiba.

Ikkunsidrat:-

1. Bejn il-kontendenti hemm pendenti kawza ghall-qsim tal-wirt ta' Salvatore u Maria konjugi Portelli, il-genituri taghhom (**Joseph Portelli proprio et nomine vs Rita Portelli et** Cit. numru: 70/1993). Hemm ukoll talba sabiex ohthom Rita Portelli u n-neputija taghhom Kathleen Mazzotta jinghataw il-porzjon rizervata, u li m'humiex parti fil-kawza odjerna peress li m'humiex werrieta. F'dik il-kawza ghad irid jigi pprezentat ir-rapport tal-perit tekniku u perit legali.

Jidher li t-talba tal-attur hi bazata fuq l-Artikolu 494 tal-Kodici Civili li jaghti s-setgha lill-qorti li taghti provvediment dwar kif ghandha titgawda haga komuni.

2. L-attur irid li sakemm l-imsemmija kawza tghaddi f'gudikat, il-qorti taqsam raba' li jippretendi li hi komuni u meritu tal-kawza fuq imsemmija. Ir-raba' li individwa l-attur hi s-segwenti:-

a. Tal-Hanaq, limiti tan-Nadur kejl ta' 1,686 metri kwadri.
b. Tal-Hanaq, limiti tan-Nadur kejl ta' 1,686 metri kwadri.
c. Sola, limiti tan-Nadur kejl ta' 749 metri kwadri.
d. Ta' Xhajma, limiti tan-Nadur kejl ta' 233 metri kwadri.
e. Tal-Gewza, sive Ta' Xemmex, limiti tan-Nadur tal-kejl wahda ta' 390 metri kwadri u l-ohra ta' 418 metri kwadri.

Fil-pjanti li ipprezenta l-attur huma biss l-artjiet b, c, d, u e li gew indikati. Il-qorti qeghda tifhem li din il-kawza saret b'reazzjoni ghall-kawza fl-ismijiet **Joseph Portelli proprio et nomine et vs Paul Portelli et** deciza fis-17 ta' Novembru 2010, fejn intalbet il-qasma provizorja ta' porzjon art maghrufa bhala tal-Bitha fil-limiti tan-Nadur tal-

kejl ta' xi disat itmiem. Il-qorti laqghet it-talba ta' Joseph Portelli, Bernardette Logan u Carmen Vella u ordnat il-qasma tal-art ghal finijiet ta' tgawdija sakemm tinqata' l-kawza ta' divizjoni. Sentenza li sar appell minnha.

3. Il-qorti ser taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

i. Fil-fehma tal-qorti din il-kawza saret inutilment. L-attur seta' facilment ghamel it-talba permezz ta' rikors fil-kawza ta' divizjoni numru: 70/1993.

ii. Il-kawza li ghamel l-attur hi bazata fuq il-premessa li r-raba' kollha li semma fir-rikors guramentat hi formanti parti mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti. Dwar dan m'hemmx qbil bejn il-kontendenti kollha. Carmen Vella ssostni li zewg porzjonijiet art Tal-Gewza sive Ta' Xemmex tal-kejl ta' 390 metri kwadri u 418 metri kwadri kienu nghataw lilha b'dota u ilhom hekk posseduti minnha minn meta zzewwget fl-1979. Meta xehedet qalet: *"Dawn m'humiex ghall-qasma. Jien nippretendi li huma proprjeta tieghi. Hadd minn huti qatt ma qalli xejn dwar il-fatt li qed nahdem din ir-raba' jiena."* (fol. 27). Materja li fil-fehma tal-qorti ghandha tigi trattata u deciza fil-kawza ta' divizjoni u mhux f'din il-kawza.

iii. Ir-raba' ta' Xhajma skond ma xehed il-konvenut Joseph Portelli, tinsab fil-pussess ta' terzi (fol. 26). L-attur stess ikkonferma li qeghda f'idejn terzi, u sahanistra ddikjara *"Jien nahseb li llum qieghed jippretendi li hi proprjeta tieghu."* (fol. 28). F'tali cirkostanzi l-qorti ma tifhimx kif l-attur qieghed jippretendi li l-qorti ghandha taghti provvediment dwar kif ghandha titgawda din l-art gialadarba m'hijiex fil-pussess tal-werrieta.

iv. Irrizulta li l-art ta' Sola tal-kejl ta' 749 metri kwadri qeghda fil-pussess tal-konvenut Joseph Portelli, u ilha hekk sa minn meta miet missieru. Raba' li wiehed jirreferi ghaliha bhala ta' l-ispalla ghaliex kif jidher fis-site plan a fol. 34 ma tikkonfinax ma' xi triq jew passagg wiesgha bizzejjed biex minnu jghaddu xi ingenji.

v. Dwar ir-raba' li tissemma f'paragrafu (b) hawn fuq, Joseph Portelli xehed li mhi f'idejn l-ebda wiehed mill-kontendenti; *"Issa hija William Portelli li jghix barra minn*

*Malta qed jippretendi li hi tieghu, jew ahjar imqabbla ghandu. Fil-prezent William Portelli mhux qieghed f'Ghawdex."* (fol. 25). Fir-risposta guramentata spjega li l-art fiha s-sigar tal-laring u jidhol min irid mill-ahwa. Ma gietx prezentata l-original tal-iskrittura li in forza taghha William Portelli jsostni li ghandu l-qbiela taghha. L-attur qieghed isostni li l-firma m'hijiex ta' missieru (ara fol. 18). Fid-dokument l-art hi deskritta bhala tal-Kamra ta' Majsa, u fil-fatt fil-pjanta li hemm fl-atti tidher kamra. Irrispettivament dwar jekk Salvatore Portelli kien ta bi qbiela din l-art lill-ibnu William Portelli fl-1979, jidher li r-raba' tifforma parti mill-patrimonju tad-decujus u qeghda nkluza fil-qasma li trid issir bejn l-ahwa.

vi. Dwar ir-raba' li tissemma f'paragrafu (a) hawn fuq, Joseph Portelli spjega li hi biss parti mill-art li hi provenjenti mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti. L-attur naqas milli jidentifika l-art fuq il-pjanta li pprezenta (ara fol. 3). Il-konvenut Joseph Portelli spjega li *"Fejn il-Qorti qed timmarka bil-kulur isfar dak hu proprjeta' personali tieghi. Din ir-raba' ilha fil-pussess tieghi mill-elf disgha mija u sebgha u sebghin (1977). M'hijiex provenjenti mill-wirt tal-genituri. Fiha bejn erbgha (4) u hames (5) sighan. Dan qed nghidu bejn wiehed u iehor. Fejn il-qorti qed timmarka bil-linji homor fuq l-istess pjanta dik hi raba tal-familja Grech. Il-familja taghna m'ghandha x'taqsam xejn maghha. Jien m'iniex nahdem f'din ir-raba'. Qeghda fil-pussess tal-familja Grech. Il-kumplament tar-raba' taqa' fil-wirt tal-genituri taghna. Nahseb min-naha tat-tnejn li huma. Qieghed ukoll nahdimha jien. Ilha f'idejha mill elf disgha mija u tlieta u tmenin (1983) wara l-mewt tal-papa"* (fol. 25).

Hadd mill-partijiet ma ressaq xi proposta dwar kif l-art li dwarha m'hemmx kontestazzjoni li wirtu minghand il-genituri, ghandha titgawda fil-perjodu li ghad hemm pendenti l-kawza ta' divizjoni. Mehud ukoll in konsiderazzjoni:-

(a) L-incertezza li tezisti dwar parti mir-raba', kemm dwar estensjoni fir-rigward ta' wahda minnhom, pretensjoni ta' titolu ta' qbiela fuq ohra minn

wiehed mill-kondividenti, u pretensjoni ta’ Carmen Vella dwar zewg porzjonijiet ohra.

(b) Il-kawza ta’ divizjoni ilha pendenti mill-1993, missier il-kontendenti miet fl-1983 filwaqt li ommhom mietet fl-1990, u kien biss ghoxrin (20) sena wara[1] li ntalab provvediment dwar it-tgawdija tar-raba’ oggett tal-kawza;

(c) Id-daqs tar-raba’ li dwarha m’hemmx kontestazzjoni li hi komuni hi zghira meta tqies li hemm sitt kondividenti, u ma jaghmilx sens li jsiru spejjez billi jitqabbad perit tekniku sabiex ihejji pjan ta’ qasma ta’ kif ghandha titgawda r-raba’ sakemm tinqata’ l-kawza ta’ qsim tal-wirt;

(d) Li l-bictejn raba’ li ghandu Joseph Portelli ilhom f’idejh minn meta miet missieru;

(e) L-art in kwistjoni m’hijiex xi art agrikola li minnha tista’ tiggenera xi qliegh partikolari;

(f) Li l-qorti hi moralment konvinta li din il-kawza saret biss b’reazzjoni ghas-sentenza tas-17 ta’ Novembru 2010 u mhux ghaliex l-attur verament jehtieg li f’dan l-istadju jkollu t-tgawdija ta’ xi parti mir-raba’ oggett tal-kawza. Dan apparti li jidher li l-attur ghandu diversi porzjonijiet raba’ li jista’ jinqeda bihom u li jidher li kien akkwista minghand ommu;

il-qorti m’hijiex tal-fehma li ghandha tvarja l-*istatus quo*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Rikors guramentat gie prezentat fit-28 ta’ April 2010.